MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru. 4/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Sammy Camilleri**

Numru 4/2013

Illum 12 ta’ Frar 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sammy Camilleri**, ta’ sebgha u tletin (37) sena, iben Joseph u Salvina neé Camilleri, imwieled Toronto, Ontario, Canada, nhar 1-25 ta’ April 1975, u residenti fil-fond St. Joseph,

Blk, Fl 5, Triq l-Indipendenza, Qala, Ghawdex u detentur tal-Karta ta' l-ldentita bin-numru 327892(M), akkuzat talli:

nhar it-12 ta' Jannar 2013 u fix-xhur u fit-tlett snin ta' qabel gewwa diversi postijiet f'Ghawdex b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja rnill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mil-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli ta' 1-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli ta' 1-

1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Periko1uzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu;

c) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-1igijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-1icenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-regoli ta’ 1-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi biegh jew offra li jbiegh droga psikotropika u ristretta (Mephedrone), kontenenti s-sustanza (4-methylmethcathinone) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar i1-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kellhom l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikunu fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

e) fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-

Medicini, kif emendati liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

f) fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 3l tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, kif emendati;

g) sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat iz-zewg ordnijiet moghtija mill-Avukat Generali, it-tnejn moghtija fl-14 ta' Jannar 2013 (Dok. "FT 3" u Dok. "FT 4" – *a fol.* 13 u 14), liema ordnijiet gew moghtija bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), **u** bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), permezz ta' liema l-Avukat Generali ta l-Ordni li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jixhdu fis-seduti tat-23 ta' Jannar 2013 u f'dik tallum.

Semghet lill-imputat, fis-seduta tallum, jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet

kollha migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara, fis-seduta tallum, li l-imputat ikkollabora bis-shih mal-Pulizija, tant li l-istess imputat irrilaxxa stqarrija dettaljata li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. “FT 5”, u b’hekk talab lill-Qorti sabiex jigi applikat l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara, fis-seduta tallum, li kien gie nkarigat biss bhala espert, Max Xuereb, li pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. “MX 1” in sostenn tal-inkarigu lilu moghti.

Semghet lill-imputat jiddikjara, fis-seduta tallum, li huwa dispost li jsegwi program rigward id-dipendenza tieghu fuq id-droga.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni tal-imputat f’dawn il-proceduri, il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li talab li jigi applikat l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll il-fatt li l-imputat iddikjara li kien dispost li jsegwi program rigward id-dipendenza tieghu fuq id-droga. Ghall-fini ta’ piena, il-Qorti ser tikkunsidra li imputazzjonijiet mmarkati bl-ittri “c” u “f” bhala assorbiti fl-imputazzjonijiet mmarkati bl-ittri “b” u “e” rispettivament.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat Artikoli 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9, Taqsimiet 4 u 6, Artikoli

22(1)(a), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii), 22(9) u 29 tal-Kapitolu 101, Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii), u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€ 500.00).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert Max Xuereb, cioé is-somma ta’ sitta u tmenin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€ 86.75).

Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument li gie mmarkat bhala Dok. “FTX” fis-seduta tallum, liema distruzzjoni ghandha ssir taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex minhabba l-problema ta’ droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista’ jibda, isegwi u jispicca l-programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------